MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-3 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 1340/1997/1

**Gaetano Calleja**

**vs**

**Kevin Cauchi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex din il-Qorti ma ghandiex:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-incident tat-trafifku li gara fl-4 ta' Gunju 1996 meta l-konvenut waqt li kien qed isuq karozza M 2379 minn Triq il-Mosta, Attard, kiser lejn il-lemin biex jidhol fi triq il-Linja, Attard, u minhabba imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat gol-karozza tal-attur N-0245 u kkagunalha hsara.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta‘ erbgha mija u tmenin lira Maltin (Lm480) jew somma ohra verjuri.

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta’ Gunju 1997 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali.

Rat in-nota tal-eccezzjonijet tal-konvenut li biha eccepixxa (fol 4 tal-atti) illi t-talbiet tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ghall-incident de quo jahti unikament l-attur billi fil-mument ta’ l-incident kien qed isuq b’manjiera traskurata, b’imperizja, b’negligenza u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti stradali.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur a fol 62 tal-istess atti.

Ikkunsidrat

Illi jkun opportun li wiehed jara u jezamina l-lokalita’ tal-incident kif risultanti mill-iskizz esebit in atti a fol 34. Difatti, illum, is-sistema tat-traffiku fl-istess lokalita’ giet mibdula u trasformata waqt li, fid-data tal-incident in esami kienet kif murija fuq l-iskizz esebit in atti a fol 34 u maghmul minn PS 833 Francis Seychell (fol 30 et seq ibid). Dan spjega li, meta kien fuq il-post tal-incident, ma kienx ra vetturi ohra parkeggati hlief ghal “container” faccata ta’ stabbiliment kummerjcali maghluq. Inoltre, hu sema’ illi wara l-karozza numru N0243 kien hemm 8.6 metri bhala “brakemarks” waqt li wara l-karozza l-ohra involuta bin-numru M 2379 ma kien hemm ebda sinjal ta’ din it-tip (ara ukoll ir-ritratt esebit mill-attur a fol 44 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi, dwar l-incident li gara ghall-habta tas-2.30p.m. l-attur xehed (fol 6 u 60 et seq ibid) li kien tiela' bil-karozza tieghu minn Triq il-Linja "sejjer ghad-dritt fid-direzzjoni tal-Pitkaija". Hawnhekk, hu qal testwalment "Ftit il-boghod mill-kantuniera, jien sibt karozza tal-Pulzija quddiemi, liema karozza kienet tidher li daret minn Triq il-Mosta ghat-triq fejn kont jien….." u "harget fuqi ghall-gharrieda". In rigward il-velocita' tieghu, hu ddeskriviha bhala "normali". Inoltre hu rrefera lilu nnifsu bhala sewwieq li hu "mdorri" jnaqqas il-velocita meta jersaq lejn kantuniera (ara ukoll ix-xhieda ta' mart l-attur, Jacqueline Calleja a fol 23 et seq ibid li kienet fl-istess karozza ma zewgha meta gara' dan l-incident u li semmiet li "Il-karozza in kwistjoni (misjuqa mill-konvenut) …… rajtha tilwi pero' fl-ahhar minuta" u "… nghid illi hareg aktar il-barra millu jmissu".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut, pulizija akkumpanjat minn PC 28 George Cristina xehed (fol 37 u 52 tal-atti) kien qed jsuq il-karozza tal-marka "Daewoo" numru M 2379 f'Triq il-Mosta. Minn hawnhekk, hu waqt li xeghel l-"indicator" dar lejn il-lemin sabiex jidhol f'Triq il-Linja. Kif dar u hareg minn Triq il-Mosta, hu waqaf, sabiex jara' jekk kienx hemm traffiku gej f'Triq l-Linja waqt li sema' ukoll li ma kienx hemm karozza ohra parkeggata. Kif kien "bilfors qed nhares l-isfel", hu ra karozza ohra gejja ghal fuqu (ara ukoll ix-xhieda tal-imsemmi PC 28 George Cristina a fol 49 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi mill-provi kif esposti jidher li ma hemm ebda element ta' prova li jista' jitfa r-responsabilta' ta' dan l-incident fuq l-attur li kien qed jsuq fuq it-triq principali, akkompanjat mill-familja tieghu, b'velocita' li ma tidhirx li kienet, b'xi mod eccessiva.

Illi, minn naha l-ohra, l-konvenut hareg minn triq principali ohra sabiex jdur u jidhol f'dik li fiha kien tiela' l-attur. Sabiex jaghmel din il-manuvra hu kellu, bilfors, jaqsam in-naha ta' Triq il-Linja fejn kien qed jsuq Gaetano Calleja u kollox jindika li l-konvenut hareg iz-zejjed f'Triq il-Linja u,

meta waqaf sabiex jesplora l-istess triq, kien bizzejjed il-barra sabiex jikkawza dan l-incident. Ghalhekk, ir-responsabilta ta' din l-kollisjoni ghandha tigi akkollata lill-konvenut minhabba esekuzzjoni, akkwantu traskurata, ta' din il-manuvra, kif deskritta.

Ikkunsidrat

Illi l-"quantum" tad-danni pretizi mill-attur ma giex kontestat (ara fol 11 u fol 15 sa fol 21 tal-atti).

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm480 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm480 bl-imghax legali mit-30 ta' Gunju 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Gunju 1997 imsemmija fl-avviz.

--------------------------------TMIEM--------------------------------